**AVVIZ TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI TAL- 4 TA' SETTEMBRU 2015**

**Dan id-dokument huwa importanti. Fil-każ illi jkollok xi dubju rigward il-kontenut tiegħu, għandek tfittex parir finanzjarju indipendenti.**

Għażiż/a Azzjonist/a,

Għandi l-pjaċir nibagħtlek l-Avviż tal-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' l-azzjonisti, li ser tinżamm ġewwa l-Fortress Suite, Corinthia San Gorg Hotel, il-Bajja ta' San Gorg, San Giljan, STJ 3301, Malta nhar il-Gimgha 4 ta' Settembru 2015 fl-10.00 ta' filgħodu.

Flimkien ma' din l-ittra għandek issib kopja tar-Rapport Annwali tal-Kumpanija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, Rizultat Imqassar tal-Kumpanija GlobalCapital Life Insurance Ltd. għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Dicembru 2014, Dokument ta' l-Attendenza, Cirkolari, Formola ta' Prokura, u envelop indirizzat lill-Kumpanija.

Jekk tixtieq timla' u tirritorna l-Formola ta' Prokura lis-Segretarju tal-Kumpanija, napprezza li tagħmel dan mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel il-hin tal-Laqgħa Generali Annwali. Għalkemm tintbagħat il-Formola ta' Prokura, inti xorta tista' tattendi l-Laqgħa Ġenerali Annwali minflok il-prokuratur tiegħek u tivvota personalment jekk tixtieq hekk.

**AGENDA**

Ir-riżoluzzjonijiet li ġejjin se jiġu mressqa għall-konsiderazzjoni tal-azzjonisti fil-Laqgħa Ġenerali Annwali:

*Negozju Ordinarju*

**Rizoluzjonijiet Ordinarji**

1. Illi jigu kunsidrati u approvati l-kontijiet annwali u r-rapporti tad-Diretturi u ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014;

2. Illi jinhatru / jiġu eletti Diretturi minflok dawk li jkunu qegħdin jirtiraw;

3. Illi jigi approvat l-ammont ta' €310,000 bħala r-rimunerazzjoni totali annwali pagabbli lid-Diretturi (inkluz ir-rimunerazzjoni pagabbli lil dawk id-Diretturi impjegati mal-Kumpanija f'posizzjoni ezekuttiva);

4. Illi jerġgħu jinħatru Deloitte Audit Limited bħala Awdituri tal-Kumpanija u li d-Diretturi jigu awtorizzati jiffissaw ir-rimunerazzjoni tal-Awdituri;

*Negozju Specjali*

**Rizoluzjoni Ordinarja**

5. *Li l-kumpanija tkun awtorizzata u tingħata l-poter li tirilaxxa informazzjoni, inkluz informazzjoni ta' natura sensittiva, kif jidher xieraq lill- Bord tad- Diretturi lil:*

*(i) EIP PLC, kumpanija registrata f'Malta, b' numru ta' registrazzjoni C65310 ("EIP")*

*(ii) BAI Co. (Mtius.) Ltd, kumpanija registrata Mauritius b' numru ta' registrazzjoni O6007513 ("BAI"); u*

*(iii) lil konsulenti rispettivi ta' EIP u BAI,*

*sabiex EIP u BAI jikkonfermaw jew jibdlu l-prezz pagabbli minn EIP għal akkwist ta' sitt miljun tliet mija disgħa u disgħin elf u tnejn u disgħin sehem (6,399,092) mingħand BAI, suggett ghat-termini tar-regola għall-elenku 5.174; u, li, suggett ghall-konferma tal-Awtorità dwar l-Elenku, l'akkwist minn EIP ta' kwalsiasi ishma permezz tal-jedd ta' prelazzjoni tagħha, fil-kaz ta' hrug ta' ishma godda mill-Kumpannija f'perjodu ta' tnax (12) –il xahar mid- data ta' din ir-rizoluzzjoni, ghall-fini tar-regola għall-elenku 5.174.6, tali akkwist jigu kunsidrati tranzazzjoni wahda mal-propost akkwist ta' l-ishma minn BAI.*

**Rizoluzjoni Straordinarja**

6. *Il-kapital azzjonarju awtorizzat tal-kumpanij hu erbghin miljun seba' mija erbgħa u sittin elf u tmenin Euro (€40,764,080) maqsum f' 140,000,000 sehem ordinarju ta' €0.291172 kull sehem;*

**Rizoluzjoni Ordinarja**

7. *Li l- Bord tad- Diretturi jkun awtorizzat johrog massimu ta' ismha ordinariji li ma jeccedix Il-kapital azzjonarju awtorizzat u li din l-awtorizzazjoni tkun valida għal-perjodu ta' tnax (12) –il xahar mid- data ta' din ir- rizoluzzjoni.*

B'ordni tal-Bord.

**Dr Clinton V. Calleja BA LLM LLD**
Segretarju tal-Kumpanija

7 ta' Awissu 2015

NOTI

1. Dan l-avviż qiegħed jintbagħat bil-posta lill-Membri kollha li kienu registrati fir-reġistru tal-Membri, fil-24 ta' Lulju 2015 ("Record Date"). Membri registrati f'din id-data biss għandhom id-dritt li jirċievu dan l-avviż u li jippartecipaw u jivvotaw fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

2. Kopja ta' dan l-avviz, ir-Rapport Annwali u dawk id-dokumenti li għandhom jitqgħedu quddiem il-Laqgħa Generali Annwali, inkluz ir-rizoluzzjonijiet li ser jigu proposti fil-Laqgħa Generali Annwali jinsabu fuq il-website tal-Kumpanija www.globalcapital.com.mt. L-abbozz tar-rizoluzzjonijiet illi ser jigu kunsidrati u mqegħda għall-vot fil-Laqgħa huma inkluzi bhala parti integrali f'dan l-avviz.

3. Kull Membru li għandu d-dritt jattendi u jivvota waqt il-Laqgħa, jew il-prokuratur tiegħu, għandu d-dritt isaqsi mistoqsijiet li jkunu pertinenti u relatati mal-ħwejjeg li qegħdin fuq l-Agenda tal-Laqgħa, lid-Diretturi jew lil dawk il-persuni mqabbdin mid-Diretturi għal dak l-iskop.

4. Kull Membru li għandu d-dritt jattendi u jivvota waqt il-Laqgħa, għandu d-dritt jaħtar persuna wahda, li tista' ma tkunx Membru, bhala prokuratur sabiex tattendi għall-Laqgħa u tivvota minfloku. Il-prokuratur hekk appuntat ikollu l-istess drittijiet li jitkellem u jagħmel mistoqsijiet u li jitlob jew jissieħeb f'sejħa għall-'poll' daqs il-Membru li appuntah. Prokuratur ma jistax jitrasferixxi l-prokura tiegħu lil haddiehor. Madankollu prokuratur li jkun persuna legali jista jezercita l-poteri tiegħu billi jappunta persuna fizika.

5. Persuna registrata fir-registru tal-Membri fir-rigward ta' ishma mizmuma għall-klijenti tagħha, tista tappunta kull wiehed minn dawk il-klijenti jew terza persuna mahtura minn kwalunkwe wiehed minnhom bhala prokuratur bl-istess drittijiet imfissra fin-nota 4 hawn fuq. Persuna registrata fir-registru tal-Membri fir-rigward ta' ishma mizmuma għall-klijenti tagħha tista' tivvota b'mod differenti fir-rigward ta' dawk l-ishma.

6. L-iskrittura li permezz tagħha jinhatar jew jitnehha prokuratur, u l-prokura jew dokument iehor li jawtorizza li tigi iffirmata dik l-iskrittura, jekk ikun il-kaz, jew kopja awtentikata minn Nutar ta' dik il-prokura jew awtorizazzjoni, għandha tigi notifikata lill-Kumpanija, fl-ufficċju reġistrat, fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex XBX 1403, Malta, jew tintbagħat bl-email lil companysecretary@globalcapital.com.mt mhux anqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel il-hin tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, u fin-nuqqas dik l-iskrittura ma tkunx valida.

7. Kull prokuratur għandu, qabel il-Laqgħa, jgħarraf lill-Membru li appuntah b'dawk il-fatti li jaf bihom u li jistgħu jkunu rilevanti għal dak il-Membru meta jqis ir-riskju li l-prokuratur tiegħu jista' jkollu interessi ohra minn barra dawk ta' l-istess Membru li appuntah (liema fatturi għandhom jinkludu, mingħajr ma jkunu limitati għal hekk biss, jekk il-prokuratur huwiex: (i) 'controlling shareholder' tal-Kumpanija jew ta' entita' ikkontrollata mill-istess azzjonist ("Controlling Shareholder"); (ii) Direttur tal-Kumpanija jew ta' Controlling Shareholder; (iii) impjegat jew awditur tal-Kumpanija jew ta' Controlling Shareholder; u/jew (iv) persuna li hija membru tal-familja ta' xi wahda mill-persuni msemmijin f' (i) – (iii)).

8. Kull prokuratur għandu jzomm l-istruzzjonijiet li jingħatawlu mill-Membru li appuntah għal ta' l-anqas hames (5) snin u għandu wkoll jikkonferma, fuq talba ta' l-azzjonist li appuntah, illi mexa ma' l-istruzzjonijiet tal-vot li ngħatawlu.

9. Fil-kaz ta' Membru li jkun persuna legali huwa biss dak ir-rapprezentant debitament awtorizzat b'rizoluzzjoni tad-diretturi jew korp governattiv iehor li għandu s-setgħa jippartecipa u jivvota fil-Laqgħa.

10. Membru li jkun għadu minuri, jista' jiġi rappreżentat fil-Laqgħa minn dik il-persuna li jkollha l-kura u l-kustodja tiegħu.

11. Sabiex jidħol għal-Laqgħa, Membru, jew ir-rapprezentant tiegħu, għandu jippreżenta id-Dokument ta' Attendenza mehmuż ma' dan id-dokument, flimkien mal-Karta tal-Identità tiegħu.

12. Id-dħul għal-Laqgħa jibda fid- 9.30 am u l-Laqgħa tibda fl-10.00 am. Il-ħruġ tad-dokumenti tal-vot lill-Membri u lill-prokuraturi tagħhom jieqaf fl-10.30 am.

13. Jekk Membru jkollu xi diffikultajiet jew mistoqsijiet, jista' jikkuntatja l-ufficju tas-Segretarju tal-Kumpanija fuq in-numru tat-telefon (00356) 21 342 342. Mistoqsijiet lis-Segretarju tal-Kumpanija jistgħu jsiru wkoll bil-posta jew permezz ta' email lil companysecretary@globalcapital.com.mt.